KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 4018

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 258 tal-15 ta' Lulju 2024 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Eleanor Scerri
Skrivan tal-Kamra

**TALBIET SKONT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI LILL-PARLAMENT MINN MARZU 2022**

**39. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi LILL-ISPEAKER**: Jista' l-Ispeaker jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Parlament minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista' l-Ispeaker jgħid kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti? Jista' l-Ispeaker jgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09.07.2024

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li saru 7 talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Parlament minn nhar is-26 ta' Marzu 2022.

| | Data tat-talba | Min issottometta t-talba | Suġġett | Milqugħa | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | 19.05.2022 | Times of Malta | Lista ta' siti elettroniċi aċċessati mis-servizz tal-internet tal-Parlament fl-aħħar 6 xhur mid-data ta' din it-talba | Iva | Times of Malta ma aċċettatx li tidħol għall-ispiża |
| **2** | 07.08.2022 | Newsbook | Salarju ta' Membru Parlamentari partikolari | Iva | Tweġiba ngħatat fi żmien 3 ijiem |
| **3** | 14.10.2022 | The Shift News | Lista ta' safar ta' delegazzjonijiet parlamentari minn Ġunju 2013 sad-data meta tiġi mwieġba din it-talba | Iva | L-informazzjoni li nġabret kienet provduta fi żmien 4 ġimgħat |
| **4** | 15.01.2023 | Individwu | Lista ta' Membri Parlamentari li jaħdmu *full* u/jew *part-time* u/jew għandhom kuntratt ta' servizzi jew konsulenza ma' dipartimenti tal-gvern u/jew awtoritajiet governattivi u/jew kumpaniji parastatali | Iva | L-individwu ġie informat li din l-informazzjoni tinsab fid-dikjarazzjonijiet tal-assi li l-Membri Parlamentari jissottomettu lill-Ispeaker tal-Kamra kull sena |
| **5** | 17.04.2023 | The Daphne Caruana Galizia Foundation | Dikjarazzjonijiet tal-assi tal-Membri Parlamentari mill-2002 sal-2023 | Iva | Il-Fondazzjoni ġiet infurmata li r-reġistru tad-dikjarazzjonijiet tal-assi huwa miftuħ għall-ispezzjoni tal-pubbliku |
| **6** | 03.05.2023 | Individwu | Petizzjonijiet Nru 2 u 3 tal-14-il Leġiżlatura | Iva | Tweġiba ngħatat fi żmien jumejn |
| **7** | 05.06.2023 | Individwu | L-involviment ta' Sindku partikolari fi kwalunkwe tip ta' negozju u dettalji tar-rwol tiegħu u tat-tip ta' negozju | Iva | L-individwu ġie referut għat-tweġibiet ta' mistoqsijiet parlamentari li saru fit-13 u l-14-il leġiżlatura u ġie infurmat ukoll li l-Parlament ma jżomm l-ebda informazzjoni oħra dwar Sindki tal-lokalitajiet |

Seduta 258
15.07.2024